SANNAT

Minuti ta' tnejn u sittin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Il-Karnival 2013**

3545 Il-programm għal Karnival ta' din is-sena ser jerġa' jsir fil-Pjazza Santa Margerita nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar 2012 fis-7.00 p.m.

Għal din l-attivita' kitbu diversi gruppi ta' żeffina li jixtiequ jieħdu sehem f'din l-attivita'. Huma talbu wkoll ħlas għall-ispejjes li jkunu għamlu. Dawn huma:

| | | |
|---|---|---|
| Doris Buġeja | (Żfin) | €300 |
| Marita Caruana/Samantha Cefai | (Żifna) | €200 |
| Odette Camilleri/Josephine Farrugia | (Żifna) | €280 |
| St. Francis School | (Żifna) | € 70 |
| Michelle Vella | (Żifna) | ? |
| Joseph Camenzuli | (Maskli Grotteski) | €100 |

Mistiedna oħra għal din l-attivita' għandhom jkunu ż-żewġ gruppi ta' daqq folkloristiku li huma Ta' San Bert u Ta' Saguna. Dawn id-daqqaqa ser jingħatw €120 kull grupp. Is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita għandha tipparteċipa u tingħata €800 għas-servizz tagħha. Għandha tinħareġ sejħa għal *hand quotations* biex jiġi provdut *sound* għall-attivita' tal-Karnival. Min jeħodha jrid ikun inxurjat. Għad-dawl, Anglu Buttigieg għandu jieħu ħsieb tal-*flood lights* tal-Kunsill. Għandha ssir ukoll il-kukkanja. Bħala judges għandhom jiġu kkunttatjati David Vassallo, Katja Scicluna u Nazju Abela. Bħala preżentatur għandu jiġi mistieden il-Kavallier Joe M. Attard.

Bħala kompetizjonijiet għandu jkun hemm tliet katergoriji li huma:

**Kategorija (A) - Kostumi Karnivaleski**

Din tkun maqsuma fi tnejn. Waħda għal dawk il-kompetituri mir-raħal u oħra għal kompetituri barranin. Għandhom jingħataw l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju f'kull kategorija.

**Kategorija (B) - Maskarati Spontanji**

SANNAT

Din il-kompetizzjoni ser tkun għall-aħjar maskarati spontanji, ser jingħataw premijiet għal minn jiġi fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post.

**Item 2 Kwotazzjonijiet**

3546 Infetħu l-kwotazzjonijiet għat-tindif u ħrit tal-playing field ta' Sannat. Dawn kienu:

**Hand Quotation**

**Quotation for the cleaning and ploughing of the playing field in Ta' Sannat**

Closing date 28th January 2013 at noon

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Sannat Lions F.C. | €259 |
| 2. | Xerri's Garden Centre | €490 |

Il-Kunsillier Teddie Bajada ħareġ mill-laqgħa peress li hu uffiċjal tas-Sannat Lions F.C.

Il-Kunsill għażel dik ta' Sannat Lions F.C. li kienet l-irħas waħda.

**Item 3. Xogħlijiet fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini mill-ħaddiema tas-sezzjoni tal-Beach Cleaning**

3565 Marco Attard mis-Sezzjoni tal-Beach Cleaning ippreżenta żewġ kwotazzjonijiet għax-xiri tal-injam tal-aħmar għal xogħlijiet fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

Dawn kien:

| Kuntrattur | Tavla 10cm x 10 x 4m | Tavla 12.5cm x12.5cm x 4m | Tavla 15cm x 15cm x 4m |
|---|---|---|---|
| Joseph Caruana Ltd. | €17.00 | €29.00 | |
| Francis Caruana Ltd. | €20.75 | | €39.20 |

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku